**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 20**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| **IR-RABA' SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**Taqsima A** **(20 marka)**

1. Għaliex ir-reliġjon f'ħajjitna nxebbħuha ma' mappa jew boxxla fid-deżert?

______________________________

______________________________

(2 marki)

2. X'inhi 'superstizzjoni'? Tista' twieġeb b'eżempju.

______________________________

______________________________

(2 marki)

3. Għaliex bħala Nisrani/ja m'għandekx temmen fl-oroskopju jew fil-*medium*?

______________________________

______________________________

(2 marki)

4. Min kien l-ewwel Malti li qaleb il-kotba kollha tal-Bibbja fl-ilsien Malti mill-ilsna oriġinali?

______________________________

______________________________

(2 marki)

5. Għaliex Alla keċċa 'l-bniedem mill-Ġnien tal-Eden?

______________________________

______________________________

(2 marki)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

6. Għaliex Mosè ħarab mill-Eġittu?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

7. X'ġara lill-appostli nhar Għid il-Ħamsin?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

8. X'xogħol speċjali ta Ġesù lil Pietru?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

9. X'inkunu qed infissru meta ngħidu li l-Knisja ta' Ġesù hija 'appostolika'?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

10. Liema huma ż-żewġ taqsimiet il-kbar tal-quddiesa?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

**Taqsima B** **(15-il marka)**

Imla l-vojt bil-kliem li ġej:

*awtur, ispirazzjoni, Alla, ħames, l-Ispirtu s-Santu, żewġ, Atti ta' l-Appostli, Ġenesi, erba', Eżodu, tlieta u sebgħin, tliet, Apokalissi, Testment, messaġġ reliġjuż.*

**IL-BIBBJA**

1. Il-Bibbja hija l-kelma t'________________.

2. Alla hu l-______________ ewlieni tal-Bibbja.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. __________________ nebbaħ lill-awturi biex jiktbu dak bis riedhom jiktbu.

4. Din l-għajnuna lill-awturi tissejjaħ ________________.

5. Il-Bibbja fiha _________________ taqsimiet.

6. L-ewwel ______________ kotba tal-Bibbja jissejħu Pentatewku.

7. L-istorja tal-ħolqien u l-waqgħa tal-bniedem fid-dnub naqrawha fil-ktieb tal-____________________.

8. Il-ġrajja ta' kif Alla ħeles il-Poplu Lhudi mill-Eġittu naqrawha fil-ktieb tal-____________________.

9. Fit- ________________ il-Ġdid insibu l-__________________ Evanġelji.

10. Malta hija msemmija fil-ktieb tal- _________________________.

11. L-aħħar ktieb tal-Bibbja hu l- _____________________.

12. Għalkemm il-Bibbja fiha _____________________ ktieb, inqisuha bħala ktieb wieħed.

13. Fil-Bibbja għandna nfittxu biss il- _____________________ u mhux tagħrif xjentifiku.

14. Kull nhar ta' Ħadd, waqt il-quddiesa, naqraw ________________ siltiet mill-Bibbja.

**Taqsima Ċ** **(15-il marka)**

Parabboli u tixbihat.

1. Għid liema hi dik **il-parabbola** li tgħallimna li:

   (a) Alla dejjem lest jilqa' l-midneb li jindem.

_________________________________________________________________

   (b) Għandna ngħinu wkoll lill-għedewwa tagħna.

_________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Semmi **tliet tixbihat** li ġab Ġesù dwar il-Knisja.

(a) Ġesù xebbah lill-Knisja ma':

______________________________________________

(b) Ġesù xebbah lill-Knisja ma':

______________________________________________

(ċ) Ġesù xebbah lill-Knisja ma':

______________________________________________

**Taqsima D** **(15-il marka)**

Fisser dawn is-sentenzi mill-Evanġelju.

1. "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi."

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(3 marki)

2. "Mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema."

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(3 marki)

3. "Jekk jien qarraqt b'xi ħadd u sraqtu, inroddlu għal erba' darbiet iżjed."

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(3 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. “Mela anqas jien ma nikkundannak. Mur u mil-lum ’il quddiem iżjed.”

(3 marki)

5. “Ara jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien.”

(3 marki)

**<u>Taqsima E</u>** **(15-il marka)**

<u>Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.</u>

“Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu. U jien smajt il-karba tagħhom minħabba fl-argużini tagħhom u għaraft l-uġigħ tagħhom. Issa nżilt biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani u biex intellagħhom minn dik l-art u neħodhom f’art tajba u wiesgħa, f’art tnixxi ħalib u għasel.”

*(Eż.3,7-8)*

<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.</u>

1. Minn liema ktieb tal-Bibbja hi meħuda din is-silta?

(1 marka)

2. Min qiegħed igħid dan il-kliem?

(1 marka)

3. Lil min qiegħed jgħidu?

(1 marka)

4. Liema kien il-poplu t’Alla fit-Testment il-Qadim?

(1 marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Għaliex il-Fargħun ma riedx li l-Poplu t'Alla joħroġ mill-Eġittu?

(1 marka)

6. Lejn liema art Alla mexxa l-Poplu tiegħu?

(1 marka)

7. Semmi miraklu li Alla għamel mal-Poplu tiegħu fil-mixja tiegħu fid-deżert?

(1 marka)

8. X'bagħat Alla lill-Poplu tiegħu fid-deżert biex ma jmutux bil-ġuħ u bil-għatx?

(2 marki)

9. X'ġara fuq il-muntanja Sinaj?

(2 marki)

10. Min laħaq mexxej wara Mosè?

(2 marki)

11. Wara kemm-il sena l-Lhud irnexxielhom jidħlu fl-Art Imwiegħda?

(2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima F** **(20 m**

Wieġeb din il-mistoqsija kollha.

Matul ħajtu, Ġesù għamel affarijiet bħalna l-bnedmin (beka, għejja, beża', iddispjaċih bl-ingratitudni, eċċ.)

(a) Ikteb ġrajja meta Ġesù wera xi wieħed minn dawn is-sentimenti umani.
(10 marki)

(b) Ikteb ġrajja mill-ħajja ta' Ġesù li turi li Hu kien ukoll Alla.
(10 marki)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers